



Brussell, 6 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5042/23

ECOFIN 11
UEM 10
SOC 5
EMPL 4
COMPET 9
ENV 4
EDUC 3
RECH 4
ENER 4
JAI 7
GENDER 3
ANTIDISCRIM 3
JEUN 3
SAN 8

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Nota ta' spjegazzjoni - Dokument ta' akkompanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-verżjoni ta' wara l-KEF u l-EWG tan-nota ta' spjegazzjoni li takkompanja r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

Nota ta' spjegazzjoni

*- Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill
dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2023*

L-Artikolu 2ab)(2) tar-Regolament 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti mit-taqsima "Djalogu ekonomiku", jgħid li *"Il-Kunsill huwa mistenni li, bħala regola, jsegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu b'mod pubbliku"*.

Fir-rigward tar-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-ispjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro fil-kuntest tas-semestru Ewropew, li dwarha l-Kummissjoni mhux qed taqbel.

Il-Kunsill (Ecofin) qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro 2

Test tal-Kummissjoni:

Isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku meħtieġ biex tingħata spinta lir-reżiljenza ekonomika u soċjali u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, inkluż għal effiċjenza enerġetika akbar, it-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Jimplimentaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni u l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jiżguraw it-tweġġ f'waqtu tar-riformi u l-investiment, u jiżguraw li l-aġġornamenti tal-pjanijiet ikunu mmirati u ma jnaqqasux l-ambizzjoni ġenerali. Jieħdu passi ulterjuri, inkluż permezz tal-pjan REPowerEU, biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tiżdied l-indipendenza enerġetika tal-Unjoni.

Test maqbul:

Isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu investimenti privati, li huma meħtieġa biex tingħata spinta lir-reżiljenza ekonomika u soċjali u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, inkluż għal effiċjenza enerġetika akbaru għat-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Jimplimentaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni u l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jiżguraw it-twettiq f'waqtu tar-riformi u l-investiment, u jiżguraw li l-aġġornamenti tal-pjanijiet ikunu mmirati, u jqisu s-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolvi, filwaqt li jnaqqsu l-ambizzjoni ġenerali. Jieħdu passi ulterjuri, inkluż permezz tal-pjan REPowerEU u permezz ta' pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima, biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tiżdied l-indipendenza enerġetika tal-Unjoni.

Spjegazzjoni:

L-unika bidla li l-Kummissjoni ma taqbilx magħha hija dik relatata mat-tħassir tal-kelma "nadifa". Il-bidla għandha l-għan li tevita l-ambigwità, peress li t-terminu "enerġija nadifa" mhuwiex definit b'mod ċar. Barra minn hekk, it-terminu "enerġija nadifa" mhuwiex appoġġat b'mod wiesa' mill-Kunsill bħala mod kif tiġi deskritta t-tranżizzjoni tal-enerġija tal-UE. It-test maqbul għandu l-għan li jiżgura li l-enfasi tkun fuq il-firxa wiesgħa ta' enerġiji/teknoloġiji li huma ambjentalment sodi u soċjalment aċċettabbli.